**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGHA TAL-KUNSILL**

**L-40 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2015 fit-3pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016**
4. **Aġġornament dwar Jum il-Qrendi 2016**
5. **Harsa lejn ix-Xogħol tal-Kunsill Lokali fl-2015**
6. **Kiri tas-Sala tal-Kunsill Lokali, 60, Triq il-Kbira**
7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8. **Finanzi**
9. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-40 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2015 fit-3 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fl-4:15 ta' wara nofsinhar.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniela Farrugia (bagħtet ir-raġuni permezz t'*e-mail* li kienet aċċettata mill-Kunsill Lokali |
| Ambaxxatur | Justin Debattista (bagħat ir-raġuni permezz t'*e-mail* li kienet aċċettata mill-Kunsill Lokali |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tad-39 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 33/2015, mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 33/2015 – DIRETTIVA – Ftehim mal-Iskemi Dwar Ġbir ta' Skart Separat.**

2.2 Inqrat Memo 34/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 34/2015 – Kuntratt dwar Latrini Pubbliċi.**

2.3 Inqrat Memo 35/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 35/2015 – Talbiet għal Servizzi mill-MITA.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***OPM Circular 17/2015 – Online Public Services for Citizens and Businesses.***

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Wifi Access Points.***

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Awguri mid-Direttur, Gvern Lokali u l-Istaff tad-Dipartiment.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***New Year Concert by the Malta Philarmonic Orchestra* – il-Ħadd 3 ta' Jannar 2016.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Permessi matul l-attivitajiet taċ-CHOGM.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 595/15: Malta Innovation Awards 2015.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 596/15:*** **Sessjoni ta' Taħriġ u Informazzjoni mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 603/15*** **– Tilqima tal-Influwenza – Talba għal Informazzjoni.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 650/15*** **– Ftuħ tal-Uffiċini tal-Kunsilli Lokali.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 21913.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 21914.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 21919 – Kunsilli Lokali – Wi-fi fil-Pjazez.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 21925.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 21926.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Allocation 2016.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Call for Prospective Executive Secretaries in Local Councils and Regional Committees, closing date 08-01-16.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Onorarja għas-Sena 2016.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Vacation Leave and Sick Leave Records.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Call for participation: "The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label for Governance Excellence."***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 594/15 – Mistoqsija dwar Lampi Ġodda – Il-Qrendi.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kunsillier Responsabbli mill-Anzjani.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Psaila għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payment – Live Streaming.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – Europe for Citizens Contact Point Malta – Information Session for all Local Councils within the Southern Region – Tuesday 1st December 2015 – Pre-invitation.***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pierre Mallia, Direttur fl-Uffiċċju tal-Kamra tar-Rappreżentanti, bit-titlu ***Exchange of New Year's Greetings.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mihaela Neagoe, Koordinatur tal-Proġetti Ewropej fl-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 60/2015 – SCOW_Information Refuse Collectors.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Testaferrata de Noto, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Circular LCA Circ. 61/2015 – Rural DEAR Agenda (EU Project) – Invitation to Working Group.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Testaferrata de Noto, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 64/2015 - Bdil ta' Awguri.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Bdil ta' Awguri għall-Ewwel tas-Sena 2016.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***REMINDER: GAL Xlokk Membership.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Project Completion – LEADER Programme (2007 – 2013).***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***GAL Xlokk DC Meetings.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Victor Incorvaja, Uffiċjal fis-Segretarjat tal-Ministeru għall-Finanzi, bit-titlu ***Objection QLC-PC 49/15 – Tender for the Cleaning and Attendance of Public Conveniences in an Environmentally Friendly Manner.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antoine Calleja, Awditur Prinċipali fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur, bit-titlu ***Investigation: Resurfacing of Roads PPP Scheme – Memo 45/2010.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elise Aquilina, Clerk fl-Uffiċċju tal-President, bit-titlu **Strina 2015.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Connie Richard, Kap taċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller, bit-titlu **Sitwazzjoni fil-ħin tal-ħruġ tal-istudenti tal-Iskola Primarja.**

2.38.1 Is-Sindku David Schembri spjega li kien hemm ilment fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali mingħand resident partikolari li qal li fil-ħin

tal-ħruġ tal-istudenti tal-Iskola Primarja qiegħed ikun hemm kaos sħiħ u jista' jsir xi inċident u semma' b'mod speċjali l-lifters taċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller.

2.38.2 Qal li bħala Kunsill Lokali ħadna din il-materja b'serjeta' kbira fejn tlabna laqgħa mal-Kap taċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller dwar dan il-każ.

2.38.3 Żied li meta ltqajna mal-Kap indunajna li l-istorja kienet differenti minn kif kien rapportat fuq il-midja soċjali u li l-lifters kienu qegħdin jaslu qabel is-2pm sabiex ikunu jistgħu jidħlu jipparkjaw fi Triq iż-Żgħożija li tkun magħluqa bejn is-2pm u t-3:15pm sakemm joħorġu l-istudenti taż-żewġ skejjel.

2.38.4 Spjega kif il-lifters li mhumiex jaslu qabel is-2pm qegħdin jipparkjaw fi Triq il-Kurat Mizzi u jtellgħu l-istudenti minn hemmhekk u dan qiegħed ikun ta' periklu mhux biss għall-istudenti imma wkoll għall-istaff minħabba li dawn l-istudenti għandhom bżonnijiet differenti.

2.38.5 Bħala Kunsill Lokali rajna x'jista' jsir fuq din il-materja u wara li tkellimna mal-Kapijiet taċ-Ċentru ta' Riżorsa u tal-Iskola Primarja, ħriġna b'dawn is-suġġerimenti:

2.38.5.1 Il-lifters taċ-Ċentru ta' Riżorsa Helen Keller għandu jkollhom aċċess li jidħlu fi Triq iż-Żgħożija sas-2:20pm, meta l-istudenti tal-Iskola Primarja jkunu għadhom ma ħarġux mill-iskola. Bejn is-2:20pm u t-2:40pm l-ebda lifter ma jista' jidħol fi Triq iż-Żgħożija ħalli l-istudenti tal-Iskola Primarja joħorġu bil-liberta' kollha mill-iskola mingħajr inkwiet żejjed li se jintlaqtu minn xi vettura.

2.38.5.2 Mat-2:40pm, u meta Triq iż-Żgħożija tkun mingħajr studenti tal-Iskola Primarja, il-lifters li jkun hemm ipparkjati fi Triq il-Kurat Mizzi għandhom jidħlu huma wkoll fi Triq iż-Żgħożija sabiex jgħabbu lill-istudenti taċ-Ċentru ta' Riżorsa.

2.38.5.3 L-ebda lifter ma jista' jtella' lill-istudenti minn triq oħra, ħlief minn Triq iż-Żgħożija.

2.38.5.4 Barra minn hekk, se tkun qiegħda tintbagħat ittra lill-ġenituri kollha

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tal-istudenti tal-Iskola Primarja sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni li jekk kemm-il darba karozza tinqabad fi Triq iż-Żgħożija wara s-2pm, din ma tkunx tista' tiċċaqlaq minn din it-triq qabel it-3:15pm.

2.38.6 Is-Sindku ppropona li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaqbel ma' dawn is-suġġerimenti, se nkunu qegħdin nitkellmu ma' Transport Malta sabiex anke jinbidlu t-tabelli li hemm fil-viċinanzi tal-iskejjel sabiex ikun iċċarat li huma l-lifters biss li għandhom id-dritt jaċċessaw Triq iż-Żgħożija waqt li tkun magħluqa, jiġifieri jkollhom aċċess bejn is-2pm u s-2:20pm u mit-2:40pm sat-3:15pm.

2.38.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' dawn il-proposti u suġġerimenti.

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Sciberras, Segretarja Privata fil-Ministeru tal-Ġustizzja, bit-titlu **Lista ta' Entitajiet tal-Lokal.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Crista Armeni, Clerk fil-Ministeru tal-Ġustizzja, bit-titlu ***Europe for Citizens Contact Point Malta – Closing Conference – Monday 14th December 2015 – Pre-invitation.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carl Grech, *Active Ageing Unit*, Dipartiment għall-Anzjani u l-Kura fil-Komunita', bit-titlu ***Expression of Interest – "Active Ageing Sessions in Active Ageing Centres in Malta and Gozo and Residential Homes for the Elderly."***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudette Fenech, Segretarja fl-Uffiċċju tad-Direttur fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bit-titlu ***Complaint* – Triq it-Torri, Qrendi.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kevin Zahra, *Manager – Route Network* fid-Direttorat tat-Trasport, Transport Malta, bit-titlu ***Transport Information.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Louisa Borg Costanzi mill-*Bloom Psychology Clinic*, bit-titlu ***Anger Management and Self-Confidence Courses.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Theresa Portelli mill-NCPE, bit-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

titlu ***INVITATION – Forms of Violence in Malta – A gender perspective – Final Conference.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Stephanie Testaferrata de Noto bit-titlu ***Questionnaire.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Debattista, Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, bit-titlu **Premju Nazzjonali tal-Ktieb.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ramon Casha, Ċermen tal-Assoċjazzjoni Umanisti Maltin, bit-titlu **Talba għal Informazzjoni dwar Swali fil-Lokalita'.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Justin Attard bit-titlu **Għall-attenzjoni urġenti tas-Sindku u Kunsilliera.**

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nathalie Fenech bit-titlu ***Complaint.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jonathan Abela Fiorentino bit-titlu ***ATTN: The Mayor – RE: Contravention by Local Wardens.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gabriella Agius bit-titlu ***Yellow Lines.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mark Tanti bit-titlu ***Garage Ramp.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Moira Cross bit-titlu ***Educational Trips.***

## 3. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2015

3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li f'Diċembru s-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata ltaqa' darbtejn.

3.2 Spjega kif f'dawn il-laqgħat ġie deċiż b'mod unanimu li l-Festival Agrarju tal-Patata 2016 se jsir f'Misraħ il-Maqluba.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.3 Qal li fil-preżent qegħdin naraw kif se jkun id-divertiment ta' dan il-Festival u diġa' bdejna nitkellmu ma' diversi persuni.

3.4 Żied li f'waħda mil-laqgħat iltqajna mas-Sur Esron Mifsud li se jkun qiegħed jgħinna fil-loġistika ta' kif se nqassmu ż-żona ta' Misraħ il-Maqluba dakinhar tal-Festival.

3.5 Qal ukoll li kellna nagħmlu tibdil fid-data tal-Festival u dan mhuwiex se jsir fl-aħħar Ħadd ta' Mejju kif isir is-soltu minħabba li dakinhar se taħbat il-festa ta' *Corpus Christi* u ma jkunx jagħmel sens li nagħmlu l-Festival f'dik il-ġurnata.

3.6 Għaldaqstant, wara li ċċekkjajna kemm mad-Diparitment għall-Gvern Lokali kif ukoll mar-Reġjun għan-Nofsinhar, ġie deċiż li l-Festival se jsir fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju, jiġifieri fil-5 ta' Ġunju 2016.

## 4. AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2016

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li fetħu l-applikazzjonijiet għan-nomini għal Ġieħ il-Qrendi 2016.

4.2 Qal li sallum għadha ma ntefgħet l-ebda nomina għal dan il-Ġieħ.

4.3 Spjega kif matul is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi se jkun qiegħed isir il-kxif tal-bust ta' Dun Santu Agius u se jkun qiegħed jinkiteb artiklu mis-Sa. Maria Consiglia Abdilla dwar dan il-qassis li għamel tant ġid fil-qasam edukattiv fir-raħal tal-Qrendi.

4.4 Qal li matul din is-serata għandu jkun hemm xi ftit mużika, jingħata Ġieħ il-Qrendi 2016 u wara jsir il-kxif ta' dan il-bust.

4.5 Is-Sindku tkellem ukoll dwar it-3 persuni li l-Kunsill Lokali jrid jagħżel sabiex ikunu fuq il-bord tal-għażla ta' Ġieħ il-Qrendi 2016.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.6 Min-naħa tiegħu ppropona lis-Sinjuri Lawrence Bilocca u Saviour Mallia.

4.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona lil Dr Marisa Vella sabiex tkun parti minn dan il-Bord.

4.8 Kien propost ukoll is-Sur Joseph Magro, sabiex ikun bħala riserva jekk kemm-il darba xi ħadd minn dawn it-3 persuni ma jaċċettax.

4.9 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-persuni proposti.

4.10 Fil-jiem li ġejjin se tkun qiegħda tintbagħat ittra mill-Kunsill Lokali sabiex naraw jekk dawn il-persuni jaċċettawx li jkunu parti minn dan il-Bord.

4.11 Se tkun qiegħda tintbagħat ittra wkoll lis-Soċjetajiet Mużikali tal-Qrendi minħabba li dawn iridu jagħżlu żewġ persuni kull Soċjeta' tal-fiduċja tagħhom sabiex ikunu parti minn dan il-Bord.

## 5. <u>ĦARSA LEJN IX-XOGĦOL TAL-KUNSILL LOKALI FL-2015</u>

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li matul din is-sena l-Kunsill Lokali rnexxielu jwettaq proġetti ta' fejda għall-poplu tal-Qrendi, fejn anke permezz t'għajnuna minn entitajiet oħra dawn il-proġetti setgħu jsiru bl-inqas spejjeż possibbli.

5.2 Spjega kif fl-aħħar ġimgħat ingħataw wiċċ ġdid ta' tarmak Triq is-Siġġiewi, Triq il-Panorama u parti minn Triq Misraħ is-Sinjura, u li dawn saru minn Transport Malta wara pressjoni mill-Kunsill Lokali, b'fondi tal-ERDF.

5.3 Semma' wkoll l-installazzjoni ta' *security railings* f'Wied iż-Żurrieq u t-tiswija tal-moll, xogħol li sar mill-Ministeru għax-Xogħolijiet kif ukoll

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

5.4 Permezz tal-Ministeru għax-Xogħolijiet ġiet irranġata l-istruttura madwar wieħed mill-bibien tal-Ġnien tal-Kmand, fejn din kienet waħda perikoluża, u l-Kunsill Lokali ħa ħsieb li jagħmel bieb tal-ħadid ġdid.

5.5 Semma' kif bl-għajununa tad-Dipartiment tas-Saħħa kif ukoll tal-IPSL stajna nlestu t-tisbiħ fiċ-Ċimiterju tal-Ars li tbierek ftit tal-ġimgħat ilu.

5.6 Qal ukoll li matul din is-sena saru diversi ħarġiet kulturali u edukattivi għall-poplu tal-Qrendi, fosthom mawriet fi Sqallija, ħarġiet għal Għawdex kif ukoll *buffet breakfasts*.

5.7 Barra minn hekk semma' l-korsijiet li qegħdin isiru permezz tal-*Lifelong Learning*, fosthom tal-Monasteru, tal-Bizzilla u tal-Parċmina li permezz tagħhom residenti Qrendin qegħdin ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom.

5.8 Semma' wkoll li bħala Kunsill Lokali ħadna sehem fil-Premju tal-Ktieb, permezz tal-publikazzjoni tal-Kunsill Lokali fuq kitba ta' Dr George Cassar, bl-isem *Qrendi - its people and their heritage.*

5.9 Żied li barra din il-publikazzjoni kien hemm publikazzjoni oħra li kienet titratta lil-lokalita' tagħna, pubblikazzjoni tal-Universita' ta' Malta fuq kitba tal-Prof. Frans Ciappara li rebaħ ukoll waħda mill-kategoriji fil-Premju tal-Ktieb 2015.

5.10 Fl-aħħarnett huwa rringrazzja lill-Kunsillieri kollha tal-ħidma tagħhom matul l-2015 b'risq il-komunita' Qrendija u wiegħed li l-Kunsill Lokali se jibqa' jagħmel dak kollu possibbli sabiex itejjeb il-kwalita' ta' ħajja tar-residenti Qrendin matul l-2016.

## 6. <u>KIRI TAS-SALA TAL-KUNSILL LOKALI, 60, TRIQ IL-KBIRA</u>

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-Sur Samuel Abdilla kellmu dwar il-

kirja tas-sala tal-Kunsill Lokali, f'60, Triq il-Kbira, il-Qrendi.

6.2 Qal li s-Sur Abdilla irid li mis-sena 2017 il-Kunsill Lokali jibda jħallas €15 kull ġurnata għall-użu ta' din is-sala.

6.3 Spjega kif fil-preżent il-Kunsill Lokali jħallas is-somma ta' €9 kuljum, jiġifieri somma ta' €3,285.

6.4 Żied li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jaċċetta li jħallas €15 kuljum, is-somma se titla' għal €5,475 fis-sena, jiġifieri €2,190 aktar milli qed inħallsu bħalissa.

6.5 Il-Kunsill Lokali ressaq diversi proposti x'għandu jsir f'dan ir-rigward u se nkunu qegħdin nevalwaw kull possibilta' sabiex fix-xhur li ġejjin infittxu post ieħor.

*Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud waslet għal-laqgħa fl-3:50pm*

## 7. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

7.1 Is-Sindku David Schembri qal li bħala Kunsill Lokali dehrna l-Qorti nhar l-10 ta' Diċembru 2015 minħabba l-Kuntratt ta' Perizija, imma s-Seduta ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2016.

7.2 Is-Sindku tkellem dwar żewġ *flood lights* li hemm fuq in-naħa ta' barra tal-Knisja Parrokjali u li dawn għandhom bżonn jinbidlu.

7.2.1 Qal li dawn jinxtgħelu mad-dawl tal-gvern u għaldaqstant tkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jibdel dawn il-*flood lights* minħabba li m'għadhomx jaħdmu.

7.2.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.3 Is-Sindku tkellem dwar żewġ laqgħat li saru minħabba l-problema t'ammont kbir ta' qtates fil-Qrendi.

7.3.1 Qal li dawn il-laqgħat saru mal-Kummissarju tal-Annimali fejn fihom kien propost li jsir *Cat Cafe'*, imma s'issa għadna qegħdin nistudjaw din il-proposta minħabba li qegħdin naraw diversi problemi loġistiċi.

7.3.2 Dwar in-*neutering* tal-qtates, is-Sindku qal li wasal iż-żmien li nfittxu l-għajnuna mingħand xi entita' jew xi għaqda mhux governattiva sabiex innaqqsu l-ammont ta' qtates fil-futur.

7.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret ma' tat-*Tree Planting* fejn b'mod speċjali kienet diskussa ħarruba li tinsab f'Misraħ il-Maqluba u li jidher li qiegħda tmut.

7.4.1 Spjega li għalissa se nkunu qegħdin inżommu din il-ħarruba sabiex naraw jekk tibqax ħajja jew le.

7.5 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li saret fl-Ambaxxata Amerikana bl-isem ta' *Sister Cities* u qal li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon attendew għal din il-laqgħa.

7.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq is-Siġġiewi, Triq il-Panorama u parti minn Triq Misraħ is-Sinjura fejn qal li l-wiċċ ġdid ta' tarmak ingħata f'dawn it-toroq minn fondi tal-ERDF.

7.7 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li saret mill-Kunsill Lokali mal-MEPA sabiex jittella' ħajt fi Triq Ħaġar Qim.

7.8 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni li saret mill-istess Kunsill Lokali dwar Triq Sant'Anna u qal li din kienet aċċettata mill-MEPA u allura se nkunu qegħdin inżommu din l-applikazzjoni ħalli meta joħorġu fondi tal-Unjoni Ewropea nkunu nistgħu napplikaw mill-ewwel.

7.9 Is-Sindku tkellem dwar l-istatwa tar-'Ruħ' li tinsab fi Triq iż-Żurrieq u qal li l-MEPA aċċettaw li napplikaw b'DNO u din se ssolvilna diversi problemi u tiffrankalna ħafna ħin u spejjeż.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.10 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni li l-Kunsill Lokali għamel għand il-MEPA minħabba parti mill-moll ta' Wied iż-Żurrieq, bejn il-'ponta' u l-'ponot'.

7.10.1 Qal li għalkemm irnexxielna nġibu l-fondi sabiex dan ix-xogħol isir, l-ewwel il-MEPA qaltilna li rridu nagħmlu applikazzjoni kompluta, kif ukoll issa ġejna infurmati li jridu *survey* tal-profil tal-blat li hemm f'din iż-żona.

7.11 Is-Sindku tkellem dwar fondi li rnexxielu jġib il-Kunsill Lokali permezz tal-Kumitat tat-Turiżmu għan-Nofsinhar ta' Malta.

7.11.1 Qal li permezz ta' dawn il-fondi se jkunu qegħdin isiru diversi bozoz ġodda fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq, fi Triq il-Panorama kif ukoll fi Triq Ħaġar Qim.

7.11.2 Spjega kif fil-preżent l-applikazzjonijiet qegħdin għand l-Enemalta sabiex jiġu vverifikati.

7.12 Is-Sindku tkellem dwar spazju li hemm eżatt int u taqbeż ir-*roundabout* int u dieħel il-Qrendi.

7.12.1 Qal li wara li ċċekkjajna mad-Dipartiment tal-Artijiet sirna nafu li din iż-żona hija tal-Gvern u allura bħala Kunsill Lokali bdejna nieħdu ħsiebha minħabba li kienet tidher mitluqa u kienet qed tkerrah l-ambjent tal-madwar.

7.12.2 Spjega kif permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali nqata' l-ħaxix ħażin kif ukoll tneħħa l-qasab u issa jmiss li din il-biċċa għalqa tiġi mwittija u tkun maħruta b'għajnuna ta' persuni oħra.

7.13 Is-Sindku tkellem dwar it-tindif li mistenni jsir f'Jannar li ġej mid-Direttorat għat-Tindif, fiż-żona ta' San Niklaw.

7.13.1 Qal li dan it-tindif se jkun qiegħed isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali u anke se jsir kampanja edukattiva mal-Iskola Primarja tal-Qrendi.

7.14 Is-Sindku tkellem dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u qal li minn dak

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

li sema' jidher li kulħadd qabel li Prof. Frans Ciappara kellu jirbaħ is-sezzjoni li rebaħ fiha minħabba li kien l-aktar ktieb riċerkat tajjeb u ta' livell ta' studju tajjeb ħafna.

7.15 Is-Sindku tkellem dwar rapport li waslilna mid-Direttorat għat-Tindif dwar siġar taż-żebbuġ li qegħdin iħammġu Triq it-Torri.

7.15.1 Qal li diġa' tkellimna mal-persuna konċernata u wara l-festi se nkunu qegħdin nieħdu ħsieb li dawn is-siġar jinżabru.

7.16 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Kunsill Lokali organizza mawra għal Għawdex nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru fejn attendew 35 persuna.

7.16.1 Qal li l-attivita' li jmiss se tkun *Buffet Breakfast* li se jsir nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2016.

7.17 Il-Kunsillier Daniel Farrugia faħħar l-inzijattiva tal-Kunsill Lokali li jbiegħ il-lariġ tal-Ġnien tal-Kmand sabiex il-fondi jingħaddu lid-Dar tal-Providenza.

7.17.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal ukoll li hemm bżonn nieħdu ħsieb il-ħaxix li hemm fi Triq Filippu Zammit minħabba li issa kiber ġmielu.

7.17.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem ukoll dwar ħofra żgħira li hemm fi Triq Ġużeppi Muscat k/ma' Triq Filippu Zammit u qal li aħjar nieħdu ħsiebha issa qabel tkompli tikber.

## 8. <u>FINANZI</u>

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €32,813.13 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/15 u €87.60c skont il-*Petty Cash* Ref S/11.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fl-4:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**